Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa

Pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee (Obstetrics and Gynaecology) fid-Dipartiment tal-Obstetrics u Gynaecology fl-Uffiċċju tad- Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-saħħa fil-Ministeru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Higher Specilaist Trainee (Obstetrics and Gynaecology) fid-Dipartiment tal-Obstetrics u Gynaecology fl-Uffiċċju tad- Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Huwa miftiehem li għandu jingħata limitu totali ta' għaxar (10) snin ta' xogħol full-time, jew tul ta' żmien ekwivalenti, biex titlesta t-taħriġ speċjalizzat (inkluż kemm Higher Specilaist Training u Basic Specialist Training), bl-esklużjoni tal-leave tal-maternità, tal-leave tal-ġenituri, tal-leave tal-mard, tal-leave għal responsabbiltajiet jew tal-leave għall-istudj. Dan il-leave għall-istudju m'għandux ikun parti mill-programm ta' taħriġ approvat.

2.2 Il-perjodu ta' għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalità xierqa ma jinkludix il- Foundation Period.

2.3 F'każ fejn persuna ma tlestix it-taħriġ tagħha fiż-żmien ta' għaxar (10) snin, il-Ministeru jżomm id-dritt li jassenja mill-ġdid lill-persuna kkonċernata bħala Staff Grade, skont l-esiġenzi tas-servizz..

2.4 Dawn it-tobba għandhom jibqgħu fl-istess skala tas-salarju li jkunu laħqu u għandhom jissejħu Medical Officer in Staff Grade.

2.5 Il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar,

2.6 Il-kandidati magħżula jridu jkollhom kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha jkunu applikaw. Qabel il-ħatra, kandidati magħżula li ma jkunux ġejjin mis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew minn awtorità kompetenti oħra, li ma jkunx inħareġ aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet; dan iċ-ċertifikat għandu jiġi ppreżentat mill-kandidat magħżul fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Persuna maħtura titħalla twettaq prattika privata dment li: (a) din issir strettament barra l-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u
(b) ma tfixkilx jew tiġi f'kunflitt mad-dmirijiet uffiċjali jew mal-ħtiġijiet tas-servizz.

2.8 Uffiċjal li jokkupa pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), u li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tal-perjodu definit tiegħu/tagħha, jista' japplika għal trasferiment laterali, anke jekk il-pożizzjoni reklamata tinvolvi l-istess speċjalizzazzjoni li hu/hi għandu/ha bħalissa.

2.9 Skont ir-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16 dwar il-"Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika", maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jevalwa l-impjiegi preċedenti tal-kandidati sabiex jivvaluta kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu l-istorja tal-impjieg minn Jobsplus flimkien mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni relatata ma' kunflitt ta' interess potenzjali li tiġi identifikata tiġi rrapportata lis-Segretarju Permanenti kkonċernat, sabiex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi rreklutat, tali kunflitti ta' interess jiġu ġestiti b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrapportaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf – kemm jekk reali, potenzjali jew apparenti – qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta li tinsab fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

Salarju marbut mal-pozizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' Higher Specialist Trainee huwa ekwivalenti għall-massimu tal-Iskala tas-Salarju 6 (li fis-sena 2026 huwa ta' €37,509.00 fis-sena), bi grad sostantiv ta' Senior Staff Grade li jibda mit-tielet stadju tal-Iskala tas-Salarju 6 (li fis-sena 2026 huwa ta' €35,123.68).

3.2 Higher Specialist Trainee għandu jirċievi Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €6,530 fis-sena għall-ewwel sentejn (2) li jitħallas fi tlettax-il pagament indaqs kull sena.

3.3 Higher Specialist Trainee għandu jirċievi Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €7,050 mit-tielet sena 'l quddiem, li
jitħallas fi tlettax-il pagament indaqs kull sena.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

4.2 Persuna maħtura tista' tintalab twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz tal-kura tas-saħħa f'Malta u/jew Għawdex, skont id-diskrezzjoni tal-maniġment.

Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i.
   a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu:

ii. kapaċi jikkomunika bil-lingwa Maltija u bl-Ingliż;
iii. ikollhom l-warrant biex jipprattikaw (reġistrazzjoni sħiħa bħala prattikant mediku mal-Kunsill Mediku ta' Malta) **U**
iv. fil-pussess ta' Ċertifikat tat-Tlestija tat-Taħriġ Bażiku Speċjalizzat (CCBST) fl-Obstetrics and Gynaecology

maħruġ mill-Kumitat tal-Akkreditazzjoni tal- Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta jew ekwivalenti sa' **31ta' Marzu 2027.**

5.2 Qed jiġi ċċarat li qabel ma jinħatru, l-applikanti li japplikaw għall-pożizzjoni ta' Higher Specialist Trainee Obstetrics u Gynaecology jirrikjedi li ikollhom CCBST fl-Obstetrics u Gynaecology jew ekwivalenti.

5.3 Applikanti li l-CCBST tagħhom, jew kwalifika ekwivalenti, tkun ingħatat minn entità oħra għajr l-Specialist Accreditation Commitee (SAC) ta' Malta, iridu jiksbu mingħand l-SAC ta' Malta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent li tikkonferma l-komparabbiltà tal-kwalifika tagħhom mas-CCBST rilevanti.

5.4 Id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent rilevanti għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, u l-oriġinal għandu jiġi ppreżentat waqt l-intervista. Applikanti li qed jistennew ir-rikonoxximent jistgħu japplikaw, iżda jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni fi żmien xahar (1) mid-data tal-għeluq.

5.5 Tista' tingħata estensjoni sa xahar (1) ieħor meta d-dewmien ikun lil hinn mill-kontroll tal-applikant. Kwalunkwe estensjoni oħra teħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku.

5.6 Il-kandidati jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq, jew jiksbu l-approvazzjoni għalihom, mhux aktar tard mill-**31 ta' Marzu 2027** qabel ma jinħatru u fi ħdan il-perjodu ta' validità tar-riżultat oriġinali, li huwa ta' sena (1) kalendarja mid-data tal-pubblikazzjoni. Il-kandidati ma jiġux ikkunsidrati għall-ħatra jekk l-iskadenza stipulata għas-sodisfazzjon tar-rekwiżiti msemmija hawn fuq ma tiġix osservata.

Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal din il-kariga jridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi jew fergħa tal-karriera differenti jew f'pożizzjoni b'terminu definit; madankollu, jistgħu japplikaw għal grad jew pożizzjoni aktar baxxa anki jekk ma jkunux ikkonfermati, kemm jekk fl-istess fergħa kif ukoll jekk le.

L-uffiċjali pubbliċi jistgħu japplikaw għal grad aktar baxx anki jekk ma jkunux ikkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom.

5.7 Il-kandidati jridu jkunu eliġibbli biex jieħdu l-ħatra dovuta lilhom, skont il-paragrafi 5.1 – 5.6 t'hawn fuq, mhux biss sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.7, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 Ir-riżultat ikun validu għal sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' People Managment Directorate, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-saħħa, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn**biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-

applikazzjonijiet hija **l-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.5 Il-kandidati għandhom jelenkaw l-ispeċjalizzazzjonijiet li qed japplikaw għalihom skont l-ordni tal-preferenza fil-Formola tad-Dikjarazzjoni, li tista' tiġi aċċessata permezz tal-Portal tal-Gvern għar-Reklutaġġ Online, Anness B ma' din l- applikazzjoni.

Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti li jixtiequ japplikaw għal aktar minn speċjalità waħda, trid tiġi sottomessa formola tal-applikazzjoni separata, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, għal kull speċjalità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni.

8.6 F'każ li d-diviżjoni li tirċievi l-applikazzjonijiet ma tirċevix formola sħiħa tad-dikjarazzjoni tal-preferenzi sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja lill-applikant magħżul għal speċjalità skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf jew jinkisbu mill- People Mnagement Directorate, Uffiċċju tad- Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-saħħa, 15, Palazzo Kastellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma saħħa.gov.mt u recruitment.health@gov.mt

Dr. Renzo De Gabriele
Segretarju Permanenti.